# KRISTINA

*Ta'* Ġużi Abela

Kont ċkejkna meta kont tiġi tkellimni
jiena u nagħżaq fil-ġnien, fis-Seminarju,
liebes qalziet tax-xogħol u qmis imkemmxa,
f'rasi kappell qadim.

Kont tistaqsini meta niżra' l-ġiżi,
u kemm idumu sakemm jikbru u jiftħu,
u kont iġġagħalni nwiegħdek tidħol tagħżel
bukkett sabiħ ifuħ.

Imm'issa kbirt u twalt u timxi dritta,
lanqas issellem, u kultant iddawwar
ħarstek band'oħra, u ġo wiċċek nilmaħ
sħaba ta' ħsebijiet.

Donnok tibża' titnikker hawn tkellimni.
Donni jien naf b'xi ħaġa u nidher ikrah.
Donni lest biex inċanfrek. Donnok ħatja,
**ħatja mingħajr ma trid,**

U għadni nagħżaq b'dawn il-ħwejjeġ qodma,
U żdiedet l-għabra fil-kappell ta' dari,
u l-fjuri kibru u nixfu u miż-żerriegħa
rawwimt ħmiemel oħrajn.

Kultant igħaddi xi ħadd u jgħidli 'saħħa',
kultant ma jgħaddi ħadd ħlief xi żewġ friefet...
Imma Kristina ma tgħaddix minn ħdejja,
Kristina għalija mietet.

Kristina, la tgħaddix minn din it-trejqa,
u la tiqafx tkellimni. Int issa kbira.
Imma jien għadni żgħir, żagħżugħ għal dejjem.
*Għalhekk* se nsir qassis.

Lulju, 1955.